

Brussell, 16 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

16922/25

INST 458
POLGEN 243
AG 205

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 16737/25 + COR 1	
Suġġett:	Programmazzjoni leġiżlattiva: Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2026

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2026, approvata mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2025.

Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2026

F'xenarju globali li qed jevolvi malajr u diffiċli, l-Unjoni Ewropea trid taġixxi b'unità, urġenza u ambizzjoni. Il-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 u l-Aġenda Strateġika għall-2024-2029 ser jiggwidaw l-azzjoni kollettiva tagħna. Aħna impenjati li nsaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE. L-azzjoni leġislattiva tagħna trid tkun iffukata biex twieġeb b'mod effettiv għall-isfidi attwali u tipproteġi l-interessi taċ-ċittadini u tan-negozji, iggwidata minn approċċ ta' simplifikazzjoni ambizzjuż fis-setturi kollha. B'dan il-ħsieb, ser naħdmu lejn ftehim rapidu dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u d-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propriji l-ġdida. Abbażi tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2026, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea jaqblu li jagħtu l-oġhla prijorità lill-obiettivi politiċi ewlenin li ġejjin:

Nilqgħu era ġdida għad-difiża u s-sigurtà Ewropea

Ser inkomplu naħdmu biex naraw żieda fil-kooperazzjoni u l-mobilizzazzjoni tal-investment biex inżidu r-reżiljenza tal-infrastruttura tagħna u niżguraw il-prontezza tad-difiża tagħna sal-2030. Ser immexxu l-ħidma fuq il-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u l-akkwist komuni, inżidu l-provvista ta' prodotti tad-difiża Ewropej, nagħtu spinta lill-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tagħna¹ filwaqt li nsaħħu wkoll l-interoperabbiltà, u nipprovdu l-kapaċitajiet kritiċi tad-difiża meħtieġa biex insaħħu b'mod deċiżiv il-prontezza tad-difiża tal-Ewropa sal-2030, dan kollu filwaqt li navvanzaw l-iżvilupp ta' Suq Uniku ġenwin għall-materjal tad-difiża. Ser naħdmu biex insaħħu s-sigurtà komuni tagħna, minn rispons għall-kriżijiet aktar b'saħħtu u aktar koordinat sal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika tagħna, il-fruntieri esterni, it-tiġib tal-mobbiltà militari, u l-indirizzar tal-kriminalità organizzata. Ser insostnu l-appoġġ tagħna għall-indipendenza, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna u nkomplu proċess ta' adeżjoni bbażat fuq il-mertu għall-pajjiżi kandidati. Ser nistinkaw biex neliminaw iż-żejt u l-gass Russu mit-taħlita tal-enerġija tagħna u nkomplu niżviluppaw l-isforzi Ewropej għal paċi ġusta u dejjiema.

¹ Mingħajr preġudizzju għall-karattru speċifiku tal-politiki ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri, u b'kunsiderazzjoni tal-interessi tas-sigurtà u tad-difiża tal-Istati Membri kollha, u f'konformità mat-Trattati.

Niżguraw il-prospertà, il-kompetittività u s-simplifikazzjoni sostenibbli tal-Ewropa

Ser nirdupjaw l-isforzi tagħna biex nindirizzaw l-ostakli li qed iżommu lura l-kompetittività tagħna - mill-iżgurar ta' aġenda ambizzjuża u mbuttata orizzontalment ta' simplifikazzjoni u regolamentazzjoni aħjar, sal-isfruttar tal-aċċess għall-kapital u t-tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija, it-tiżiħ tal-investiment, l-appoġġ għar-riċerka, l-innovazzjoni u l-iscale-ups, l-approfondiment tas-Suq Uniku, u l-bini ta' Unjoni tal-Enerġija ġenwina qabel l-2030. Ser naċċelleraw il-ħidma, bħala kwistjoni tal-akbar prijorità, fuq il-proposti kollha b'dimensjoni ta' simplifikazzjoni u kompetittività. Ser nibqgħu fit-triq lejn il-kisba tal-għanijiet klimatiċi tal-Unjoni, filwaqt li niżguraw tranżizzjoni nadifa ekwa u ġusta, prammatika, kosteffettiva, soċjalment ibbilanċjata, affordabbli u kompetittiva. Ser naħdmu biex insaħħu s-sovranià teknoloġika tagħna u nappoġġaw l-investiment f'teknoloġiji ewlenin, inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali. Ser naħdmu biex insaħħu s-sigurtà ekonomika tal-Ewropa billi nnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi, insaħħu l-ktajjen tal-provvista tagħna, niżguraw li l-akkwist pubbliku jinċentiva l-investimenti fl-Ewropa, nibnu t-tmexxija u l-indispensabbiltà teknoloġika u billi napprofondixxu s-sħubijiet tagħna, b'mod partikolari permezz tal-kummerċ.

Insaħħu s-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali u l-kwalità tal-ħajja tagħna

Ser nipromwovu l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għolja biex niżguraw li l-impjiegi moderni jżommu l-pass mal-ħtiġijiet li qed jevolvu tas-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Ser nieħdu miżuri biex nindirizzaw l-għoli tal-ħajja, l-affordabbiltà u l-kriżi tal-akkomodazzjoni li qed jiffaċċaw bosta Ewropej, bl-għan li nappoġġaw u nikkomplementaw l-isforzi tal-Istati Membri. Ser inkomplu wkoll nipromwovu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, filwaqt li nappoġġaw l-iżvilupp ta' reġjuni u bliet b'saħħithom, sostenibbli u inklużivi. Ser insaħħu l-kompetittività tal-bdiewa u tas-sajjieda tagħna u naħdmu biex niżguraw kundizzjonijiet ekwi għalihom. Ser naħdmu biex nissalvagwardaw is-saħħa tal-wirt naturali tagħna, li huwa parti ewlenija mill-istil ta' ħajja Ewropew tagħna, ta' saħħitna, tas-sigurtà alimentari tagħna u tal-prospertà tagħna.

Niżguraw approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni

Ser inkomplu nindirizzaw il-migrazzjoni b'mod komprensiv, b'mod partikolari permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Ser nintensifikaw ukoll u nlestu b'mod rapidu l-ħidma leġiżlattiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-isforzi biex niffaċilitaw, inżidu u nħaffu r-ritorni, kif ukoll il-ġlieda kontra l-istrukturalizzazzjoni, it-traffikar ta' bnedmin u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' bnedmin. Ninsabu determinati li nipromwovu ġestjoni u kontroll effettivi tal-fruntieri esterni tal-UE, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali.

Niproteġu d-demokrazija tagħna u nħarsu l-valuri tagħna

Ser inkomplu nsaħħu l-azzjoni tagħna biex inħarsu l-istat tad-dritt, inkluż billi nappoġġaw sistemi ġudizzjarji indipendenti u effettivi u permezz tal-mekkaniżmu ta' kundizzjonalità. Ser inkomplu nsaħħu l-għodod tagħna għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni u l-indħil barrani. Ser nappoġġaw il-ġurnaliżmu indipendenti u nipromwovu l-litteriżmu medjatiku. Ser niffukaw fuq l-iżgurar ta' ambjent online sikur u inklużiv, speċjalment biex niproteġu lill-minorenni. Ser inħarsu d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet ċivili.

Nisfruttaw l-inflwenza u s-sħubijiet globali tagħna

F'dinja inċerta, l-Unjoni Ewropea trid tipproġetta stabbiltà, ekwità, solidarjetà u saħħa, inkluż permezz ta' impenn mingħajr xkiel għall-ordni bbażata fuq ir-regoli u ż-żamma tat-tmexxija tal-UE fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-assistenza umanitarja. Ser napprofondixxu s-sħubijiet internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku.

It-tliet Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jaħdmu b'ħeffa u effiċjenza fuq dawn il-prijoritajiet kondiviżi, iggwidati mill-prinċipji ta' kooperazzjoni reċiproka u sinċiera. Nimpenjaw ruħna wkoll li naċċelleraw il-ħidma fuq proposti leġiżlattivi li jimbuttaw it-tkabbir ekonomiku, jimmiraw li jissimplifikaw il-leġiżlazzjoni, inaqqsu l-piżijiet regolatorji u jiżguraw implimentazzjoni u infurzar xierqa.

Bħala Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea, ser nimmonitorjaw mill-qrib l-implimentazzjoni f'waqtha u effettiva ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta.

Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-proposti leġiżlattivi elenkati fid-dokument ta' akkumpanjament ta' din id-Dikjarazzjoni Konġunta li t-tliet Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li jiprijoritizzaw fl-2026. Il-progress f'dawn il-proposti għandu jiġi mmonitorjat regolarment matul is-sena kollha, kemm biex jiġu pprovduti aġġornamenti dwar is-sitwazzjoni attwali kif ukoll biex tkun possibbli twissija bikrija ta' kwalunkwe żvilupp li jirriskja kwalunkwe dewmien fil-progress tagħhom.

Proposti leġiżlattivi li għandhom jingħataw prijorità fl-2026

It-tliet Istituzzjonijiet jimpenjaw ruħhom li fl-2026 jagħtu prijorità lill-proposti li ġejjin:

Proposti	Suġġett	Intestatura JD26
It-28 Reġim għall-Kumpaniji Innovattivi	Kompetittività, suq uniku u innovazzjoni	Niżguraw il-prosperità, il-kompetittività u s-simplifikazzjoni sostenibbli tal-Ewropa
II-pakkett dwar il-karozzi	Kompetittività	Niżguraw il-prosperità, il-kompetittività u s-simplifikazzjoni sostenibbli tal-Ewropa
L-Att dwar il-Mediċini Kritiċi - 2025/0102 (COD)	Kompetittività	Niżguraw il-prosperità, il-kompetittività u s-simplifikazzjoni sostenibbli tal-Ewropa
II-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli	Dimensjoni soċjali	Insaħħu s-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali u l-kwalità tal-ħajja tagħna
II-Pakkett dwar il-grilji Ewropej	Enerġija	Niżguraw il-prosperità, il-kompetittività u s-simplifikazzjoni sostenibbli tal-Ewropa
II-pakkett dwar il-mobbiltà ġusta tal-ħaddiema	Dimensjoni soċjali	Insaħħu s-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali u l-kwalità tal-ħajja tagħna
II-proposti settorjali tal-QFP	Dimensjoni tal-baġit	Insaħħu s-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali u l-kwalità tal-ħajja tagħna
Ir-Regolament dwar ir-Ritorn - 2025/0059 (COD)	Migrazzjoni u s-sigurtà	Niżguraw approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-migrazzjoni
II-proposti dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti	Prosperità u kompetittività	Niżguraw il-prosperità, il-kompetittività u s-simplifikazzjoni sostenibbli tal-Ewropa
II-proposti ta' simplifikazzjoni <ul style="list-style-type: none"> • Omnibus IV - SMEs u intrapriżi żgħar b'kapitalizzazzjoni medja (2025/0130, 0131 (COD)), diġitalizzazzjoni (2025/0133, 0134 (COD)). • Omnibus V - Prontezza tad-difiża (2025/0172, 0176, 0177 (COD)) • Omnibus VI - Prodotti kimiċi - 2025/0531 (COD) • Omnibus dwar il-qasam diġitali (L-IA (2025/0359 (COD)), iċ-ċibersigurtà u d-data (2025/0360 (COD))) 	<p>Simplifikazzjoni</p> <p>Niżguraw il-prosperità, il-kompetittività u s-simplifikazzjoni sostenibbli tal-Ewropa</p> <p>Nilqgħu era ġdida għad-Difiża u s-Sigurtà Ewropea</p>	